# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PARZJALI 1969

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2685/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Avukat Dottor Tonio Farrugia**

**vs**

**Professur Maurice Grech bhala Principal u c.e.o. tal-MCAST u in rapprezentanza ta' l-istess**

**dwar allegazjoni ta' ksur ta' l-Artikolu 75 ta' l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali**

Illum 27 ta’ Ottubru 2009

Permezz ta’ din id-Decizjoni qed tigi deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati li dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza jisma' dan il-kaz peress li hawn si tratta kundizzjonijiet kontestati ta' kuntratt ta' impieg u ghalhekk il-forum appozitu hu l-Qorti Civili.

**Il-Fatti Relevanti**

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu avviz ta' lment li gie pprezentat fir-Registru fl-20 ta' Mejju 2009, li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-istess rikorrent, partikolarment ir-remunerazzjoni dovuta lilu.

B'risposta tat-23 ta' Gunju 2009, l-intimati qajmu diversi eccezzjonijiet, bl-ewwel wahda preliminary tkun li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jiehu

konjizzjoni ta' kaz li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' impeg li huma stabbiliti f'kuntratt ta' impieg.

Permezz tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tat-22 ta' Gunju 2009, ir-rikorrent dahal f'dettal dwar l-ilment minnu mqajjem.

Hemm qbil bejn il-partijiet li jezisti Ftehim Kollettiv li hu applikabbli anke fil-konfront ta' l-istess rikorrent, u allura dan it-Tribunal irid jindirizza wkoll il-kwistjoni jekk ghandux kompetenza gialadarba hemm Ftehim Kollettiv bejn il-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet**

Gialadarba qed tigi trattata l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, l-Artikolu tal-Ligi Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li huwa relevanti huwa Artikolu 75 li jghid:

*Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi -*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u*

*(b)il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu.*

Issa Titolu I ta' l-Att Dwar l-Impiegi Relazzjonijiet Industrijali jitkellem, fost affarijiet ohra, dwar il-Protezzjoni tal-Pagi (Taqsima III), u Artikolu 15 ta' l-istess Taqsima jirrigwarda l-projbizzjoni tat-tnaqqis mill-pagi. L-intimat jargomenta li dan il-kaz jitratta caqlieq fl-iskali ta' l-impieg, u se mai il-kwistjoni bhal din ghandha tigi deciza mill-Qorti Ordinarja. Dan it-Tribunal josserva li jekk allegat ksur ta' kuntratt ma jkunx jeffettwa xi wahda mill-materji trattati f'Titolu I ta' l-Att Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, hemmhekk il-gurisdizzjoni tkun f'idejn il-Qorti Ordinarja; izda jekk l-allegat ksur ta' kuntratt ikun jirrigwarda materja preskritta taht l-imsemmi Titolu I,

allura jidhol in xena Artikolu 75 tal-Kap 452 u t-ribunal mhux biss ikollu gurisdizzjoni jisma l-kaz, imma jkollu gurisdizzjoni esklussiva. L-ilment tar-rikorrent huwa li bic-caqlieq fl-iskali il-paga tieghu tbaxxiet; mentri d-difiza ta' l-intimat tidher li cirkoskritta ma' l-argument li tali azzjoni saret skond it-Tieni Ftehim Kollettiv li gie negozjat anke f'isem ir-rikorrent. Dan ifisser li prima facie mhux qed jigi kkontestat li kien hemm tnaqqis fis-salarju tar-rikorrent, u ghalhekk qed nitrattaw materja indikata f'Titolu I tal-Kap 452; ghaldaqstant "minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra" dan it-Tribunal ghandu jinvestiga.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-intimat, u fil-waqt li jiddikjara li dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz, jordna li jitkompla s-smiegh tal-kaz.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman